MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Numru. 771/2010

**Illum 24 ta' Settembru 2010**

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandra Zammit**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti;

Rat l-imputata omissis giet mressqa quddiemha akkuzata talli ;

Fil-21 t' April, 2010 gewwa l-hanut kummercjali Body Essentials gewwa Triq l-Isqof Scicluna, Hal-Qormi ghall-habta tad-08.45am ikkommettiet serq ta' wallet li

jammonta ghal 60Ewro, 500Ewro kontanti, card tal-GO Easyline sigillata li tammonta ghal 5Ewro, Quickcash tal-HSBC bin-numru 5887000013262768 bl-isem ta' Dorianne Pisani, Card tal-Lufthansa bl-isem ta' Dorianne Baldacchino u Licenzja tas-sewqan bl-isem ta' Dorianne Pisani, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, u li sehh a detriment ta' Dorianne Pisani ;

Fl-14 ta' Mejju, 2010 gewwa l-hanut kummercjali Shoe String gewwa Triq San Bartolomew, Hal-Qormi ghall-habta tad-09.30am b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamlet qligh ta' erbgha pari zraben li jammontaw ghal 120 Ewro bi hsara ta' haddiehor.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Awwissu, 2010 (esebit *a folio* 4 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-24 ta' Settembru, 2010 l-imputata iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv

li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta, l-fatt li ko-operat fil-kors tal-investigazzjoni kif ukoll ikkunsidrat l-fatt li l-imputata hallset lura lill-vittma id-danni minnha sofferti.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

In vista tal-kundizzjoni medika tal-imputata l-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta’ isem l-imputata minn kwalunkwe mezz ta’ telekomunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------